MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 37/1998/1

Giuseppe u Emmanuela mizzewgin Schembri

-vs-

Gaetano Grima, Emmanuel Grima, Margaret Schembri, Katherine Bartolo, Tessie Azzopardi, Mary Bugeja, Antonia Falzon, Carmen Mifsud, Censina Mallia, Lourdes Mangion, Salvina Farrugia, Domnic Grima, Joseph Grima, Antoine Briffa u Gaetano Grima kuraturi biex jirraprezentaw lill- assenti Michael Grima skond Digriet tal-Bord tal- 11 ta' Frar 1999.

Il- Bord,

1. Ra r- rikors ta' l- imsemmija Schembri fejn jesponu b' rispett:

Illi huma jikru lill- imsemmija intimati bhala eredi ta' missierhom u nannuhom Nazzareno Grima ir- raba maghruf bhala tax- Xuxa, Triq San Gwann, Hal Kirkop bil-

qbiela ta’ tlitt liri Maltin (Lm 3) fis- sena, jithallas kull sena b’ lura f’ Santa Marija.

Illi l- esponenti jidhrilhom li dan il- qbiela huwa baxx hafna meta wiehed jikkunsidra, fost affarjiet ohra, li l- qbiela ta’ tlitt liri Maltin fis- sena ilu hekk minn war li spiccat il- gwerra kif ukoll l- estenzjoni tar- raba, il- kwalita’ u l- profondita’ tal- hamirija, in- natura tal- art taht il- hamrija, il- li huwa accessibli direttament ghat- triq, u vicin ghar- rahal u l- benefikati ta’ natura permanenti li hemm gewwa fih.

Illi l- esponenti ghalhekk huma tal- fehma li l- qbiela ikun ta’ tletin lira Maltin (Lm 30) fis- sena, bid- divjet tas- sullokazzjoni jew cessjoni, minghajr id- dritt li jsiru xogholijiet strutturali fih u bla dritt ghal ebda benefikati ta’ kwalunkew natura meta jithalla r- raba u minghajr id- dritt li jrabbu annimali.

Ghaldaqstant l- esponenti jitolbu bir- rispett illi dan il- Bord joghgbu jiffissa l- qbiela xierqa tal- imsemmi raba fis- somma ta’ tletin lira Maltin fis- sena (Lm30) u dana bil- kondizzjonijiet indikati fil- paragrafu precedenti.

2. Ra li l- intimati opponew it- talba.

3. Ra d- digriet tieghu ta’ l- 20 ta’ Frar 2000 li bih gew mahtura periti teknici l- AIC Frederick Valentino u l- P.L. Anthony Mifsud kif ukoll il- verbal tat- 28 ta’ Mejju 2005.

4. Ra li l- imsemmija periti zammew tlett accessi fil- 21 ta’ Marzu 2000, fis- 7 ta’ Novembru 2000 u fis- 27 ta’ Frar 2004.

5. Ra r- relazzjoni ta’ l- imsemmija periti maghmula wara l- ahhar imsemmi access fuq il- qasam fejn irrapurtaw “illi l- valur tal- qbiela ta’ l- istess lokazzjoni jiflah quantum reali ta’ sebgha u ghoxrin lira Maltija fis- sena. (Lm 27).

6. Ra l- art 3 u 14 tal- Kap 1999 tal- Ligijiet ta’ Malta.

7. Jaghmel tieghu r- relazzjoni tal- periti u jiffissa l-qbiela fl- ammont ta’ Lm 27 tithallas kull sena b’ lura kull Santa Marija mill- iskadenza tal- 15 ta’ Awissu 1999.

8. Ir- rikorrenti talbu tibdil iehor fil- kundizjonijiet tal-kirja;

(a) Divjiet tas- sullokazzjoni jew cessjoni.
(b) Divjiet ta’ xogholijiet strutturali fil- qasam.
(c) Divjiet tat- trabbija ta’ annimali.
(d) Divjiet tal- jedd ta’ hlas ta’ kull sura ta’ benefikati.

Ma tressqu ebda provi mill- partijiet.

9. Jilqa’ t- talba ghad- divjiet tas- sullokazzjoni jew cessjoni b’ effett mid- data ta’ din is- sentenza salvi dejjem il- persuni msemmija fl- art 4(2)(c). Jilqa’ wkoll b’ effett millum id- divjiet li jsiru xogholijiet strutturali fil- qasam u d-divjiet tat- trabbija ta’ annimali b’ dan li dak li hemm illum; strutturi / annimali jibqghu.

10. Billi l- kera ser tizdied sostanzjalment jichad it-talba tar- rikorrenti dwar benefikati barra li l- accettazjoni taghha tmur kontra l- ligi kieku tinghata.

11. Il- kondizzjonijiet qed jitbiddlu kif fuq inghad, L-ispejjez ta’ l- accessi, jekk hemm (il- periti jithallsu mill-fond konsolidat u mhux mill- partijiet, skond il- ligi) jithallsu mill- intimati li qalghu hafna diffikultajiet u tawlu l-proceduri bla htiega. L- bqija ta’ l- ispejjez, bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------